Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 778/2012

**George Zammit (appellat)**

**Vs**

**Elmo Insurance Limited (appellanti) u b'digriet datat 17 ta' Jannar 2013 gie msejjah fil-kawza Johansson Spiteri (appellat)**

2 ta' Marzu, 2018.

1. Permezz ta' avviz tat-talba prezentat fil-15 ta' Novembru 2012, l-attur talab lit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas is-somma ta' €1,281.17 (elf, mitejn u wiehed u tmenin Euro u sbatax-il centezmu) rapprezentanti bilanc pendenti fuq il-vettura SEAT bin-numru ta' registrazzjoni JBP 242. Il-kumpannija konvenuta bieghet din il-vettura lill-attur wara li xtratha minghand terzi, liema bejgh sar meta kien ghad baqa' ammonti pendenti fuq l-imsemmija vettura. Dan l-ammont ghadu dovut, bil-konsegwenza li ma jistax isir it-trasferiment relattiv ta' l-imsemmija vettura;

2. Il-kumpannija konvenuta wiegbet:

   *"1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu michuda stante li l-eccipjenti m'ghandha thallas l-ebda ammont allegatament pendenti fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JPB;*

   *2.Illi di fatti, l-eccipjent tissenjala illi r-"wreck" tal-imsemmija vettura giet mibghuta lill-attur f'kundizzjoni "tale quale", hekk kif jirrizulta mill-ircevuta relattiva rilaxxjata fit-8 ta' Frar, 2011 [Dok. ELM1];*

   *3.Ghaldaqstant, l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;*

   *4.Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-eccipjenti tirrileva illi hija akkwistat ir-"wreck" tal-vettura imsemmija bin-numru ta' registrazzjoni JBP 242 minghand it-terz Johansson Spiteri u dan sussegwenti ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fid-19 ta' Dicembru, 2010. Semmai, kull bilanc li ghadu jew jista' jkun pendenti fuq il-vettura imsemmija hija responsabbilita' unika tal-istess Johansson Spiteri. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, ghandu jigi kjamat in kawza l-imsemmi Johansson Spiteri. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, ghandu jigi kjamat in kawza l-isemmi Johansson Spiteri [ta' 83, Triq l-Istefanotis, Santa Lucija] sabiex jirrispondi direttament ghat-talbiet tal-attur"*.

3. Wara li ssejjah fil-kawza Johansson Spiteri, wiegeb:

   *"1. Illi l-kjamat in kawza, m'ghandu l-ebda relazzjoni mal-mertu ta' din il-kawza;*

   *2.Illi ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju".*

4. B'sentenza tal-24 ta' Settembru, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda:

*"i) Jilqa' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;*

*ii) Jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' intimata in kwantu dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn fuq deciz;*

*iii) Qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti; u*

*iv) Konsegwentement qieghed jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf mitejn u wiehed u tmenin euro u sbatax-il centezmu ta' Euro [€1,281.17c] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mit-28 ta' Ottubru, 2011 (data tar-ricevuta esebita a fol. 31) sad-data tal-hlas effettiv.*

*Bl-ispejjez huma kollha a karigu tas-socjeta' intimata".*

5. B'rikors prezentat fit-12 ta' Ottubru, 2015 appellat is-socjeta konvenuta. L-aggravji huma:-

*"i. L-aggravju principali mertu tal-appell odjern jirrigwarda l-fatt illi t-Tribunal kellu jiddeciedi l-kaz billi jilqa' l-eccezzjonijiet interposti mis-socjeta esponenti in kwantu r-wreck tal-vettura giet mibjugha lill-attur f'kundizzjoni tale quale, u li sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal dan, kull bilanc li ghadu jew jista' jkun pendenti fuq il-vettura msemmija hija responsabbilta unika tal-kjamat in kawza Johannson Spiteri;*

*ii. It-tieni aggravju jirrelata mal-fatt illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta esponenti giet ikkundannata thallas l-imghax mid-data ta' meta l-attur akkwista r-wreck tal-vettura minghandha ghalkemm ma kien hemm l-ebda interpellazzjoni b'att gudizzjarju qabel l-intavolar tal-proceduri odjerni".*

6. Fit-2 ta' Novembru, 2015 l-imsejjah fil-kawza pprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell m'ghandux jintlaqa'.

7. Fit-8 ta' Jannar, 2018 l-atturipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell m'ghandux jintlaqa'.

8. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

9. **<u>Fatti</u>**.

   i. Johannson Spiteri kien sid tal-vettura Seat JBP 242 li fid-19 ta' Dicembru, 2010 kienet involuta f'incident tat-traffiku u giet certifikata *beyond economical repair*. Il-vettura xtraha ghall-prezz ta' €14,000[1] minghand Continental Cars Ltd u kienet registrata f'ismu fil-15 ta' Dicembru, 2010.

[1] Ghalkemm il-prezz kien €16,041, l-imsejjah fil-kawza xehed li l-karozza, *"... gietni erbatax-il elf Ewro (€14,000)"* (fol. 60).

ii. Meta xtara l-vettura Spiteri ha beneficcju minn *scrappage scheme* li kienet tezisti dak iz-zmien. Skont ix-xhud Karen Tabone spjegat, *"Johannsen Spiteri kellu vettura ohra li biha applika taht l-iscrappage scheme u Johannsen Spiteri ma rceviex cekk fl-ammont ta' elf mitejn u tmintax-il ewro u sbatax-il centezmu (€1218.17c) izda jkun ha dawn il-flus fi kreditu minghand il-Gvern (sebghin fil-mija, 70%) u minghand l-importatur (tletin fil-mija, 30%). Meta tinxtara karozza taht din l-iskema ma tkunx tista tigi trasferita qabel ma jghaddu tlett snin u jekk tigi trasferita jkun irid jithallas l-ammont li jkun inghata taht l-iskema, f'dan il-kaz ta' elfejn mitejn u tmintax il-ewro u sbatax-il centezmu (€1,218.17). Fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tal-elfejn u hdax (2011) sar trasferiment ta' din il-vettura lil Albert Genovese u dan l-ammont thallas lil Transport Malta"*.

iii. Il-vettura kienet assigurata mas-socjeta konvenuta, li hallset lil Spiteri s-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) u zammet il-vettura. Spiteri stess xehed li l-konvenuta hallsitu l-ammont li talab.

iv. Is-socjeta konvenuta ttrasferiet il-vettura lill-attur bi prezz ta' €3,000 (fol. 7). Fid-dokument jinghad, *"sale of wreck tale quale Reg No JBP 242"*.

v. Il-vettura baqghet registrata f'isem Spiteri. L-attur eventwalment irranga l-vettura u bieghha lil Albert Genevose.

vi. Fit-28 ta' Ottubru 2011 saret registrazzjoni f'isem l-akkwirent il-gdid. Sabiex sar hekk kellha tithallas is-somma ta' €1,218.17 lil Transport Malta bhala rifuzjoni ta' kreditu li nghata Spiteri meta xtara l-vettura, u dan peress li sar trasferiment qabel it-tlett snin.

10. **<u>L-ewwel aggravju</u>**.

10.1 Hu fatt li fid-dokument ELM1 (fol. 7) jinghad, *"Sale of wreck **tale quale** REG No JBP 242"*.

10.2 B'riferenza ghal kliem *tale quale*, it-Tribunal qal li *"… hawn ma ghandniex kwistjoni dwar il-vettura izda dwar il-bejgh u l-prezz u allura l-kwistjoni tat-tale quale ma ticcentra xejn f'din il-kwistjoni"*.

10.3 Mill-provi rrizulta li s-socjeta konvenuta u l-attur ma kinux jafu li meta xtara l-vettura, Spiteri kien ibbenifika minn *scrappage*

*scheme*[2] li kienet tapplika f'dak iz-zmien. Fic-cirkostanzi l-qorti m'ghandhiex dubju li bil-kliem *tale quale* l-partijiet ma setghux kienu qeghdin jirreferu ghar-rifuzjoni ta' flus relatati ma' *scrappage scheme*, u anzi m'ghandha l-ebda dubju li b'dawk il-kliem il-partijiet kienu qeghdin jirreferu ghad-difetti li ovvjament kellha l-vettura gialadarba giet certifikata li kienet *beyond economical repair*.

10.4 It-Tribunal iddecieda li l-appellanti ghandha thallas is-somma ta' €1,281.17 ghaliex, *"Fir-realta kieku huwa*[3] *ma bbenefikax mill-imsemmija skema, l-prezz tal-vettura kien ser ikun izjed bl-ammont hawn appena indikat.* ***Is-socjeta intimata ovvjament kien ikollha tohrog prezz akbar milli harget u dan tenut kont tal-fatt li l-incident sehh biss tlett ijiem wara li l-kjamat fil-kawza kien hareg il-vettura. Ghalhekk, fl-ahhar mill-ahhar, kienet is-socjeta intimata li bbenefikat minn din l-iskema u dan peress li hija harget ammont inqas milli effettivament kellha tohrog****"*. Mhemmx dubju li mid-deposizzjoni ta' Karen Tabone rrizulta li kieku Spiteri ma bbenefikax mill-iskema, il-prezz tal-vettura kien ser ikun iktar minn €14,000 (ara wkoll dokument a fol. 49). Dan irrizulta wkoll mill-istima li Spiteri nghata minghand Continental Cars Ltd, il-kumpannija li minghandha xtara l-vettura (fol. 63) fejn jissemma prezz ta' €16,041. Il-kjamat fil-kawza stess xehed li l-prezz kien inqas minhabba offerta li kellha Continental Cars Ltd u l-beneficcju li ha mill-iskema ta' *scrappage*. Ghalhekk il-qorti ma taqbilx mal-appellanti li ma kienx irrizulta li l-prezz tal-vettura kien ikun oghla li kieku Spiteri ma bbenefikax mill-iskema.

10.5 Jirrizulta li l-appellanti hallset is-somma ta' €14,000 sabiex Spiteri rega' tpogga fil-posizzjoni li kien qabel il-gurnata tal-incident. Wiehed irid jiftakar li fid-data tal-incident il-vettura kienet ilha biss tlett ijiem fit-triq. Kuntrarjament ghal dak li ssostni l-appellanti, il-prezz tal-vettura ma kienx €16,041 izda €14,000. B'dak il-hlas l-appellant tpogga fil-posizzjoni li kien qabel dakinhar tal-incident. M'ghamilx qliegh u lanqas telf, kif wara kollox ghandu jkun gialadarba hu kien il-vittma.

---

[2] John Cassar, ufficjal tas-socjeta konvenuta, xehed: *"Lilna Spiteri qatt ma kien semmielna l-kwistjoni tal-iscrappage scheme b'hekk ahna kieku nfurmana ahna konna naraw x'somma kien iffranka meta xtara l-vettura u ahna konna naghtu s-somma li offrejna minghajr l-ammont li jkun ha bhala bhala scrappage"*.

[3] Qed jirreferi ghall-kjamat fil-kawza.

10.6 Min-naha taghha, meta l-appellanti bieghet il-vettura lill-attur thallset is-somma ta' €3,000. Dan ifisser li minn butha harget €11,000 biex taghmel tajjeb ghad-dannu li sofra Spiteri. Bis-somma li l-appellanti giet ikkundannata thallas mit-Tribunal, mhux ser tirregistra telf iktar mid-danni li hallset lil Spiteri u anzi jibqalha l-flus fil-but. Li Spiteri jigi kkundannat ihallas lill-insurance s-somma ta' €1,281.17 ikun ifisser li mhux ser ikun tpogga fil-posizzjoni li kien qabel sehh l-incident.

10.7 Il-qorti zzid li l-ftehim li sar bejn il-kjamat fil-kawza u s-socjeta appellanti kien li tithallas is-somma ta' €14,000 ghas-saldu. Jekk l-imsejjah fil-kawza jispicca jhallas is-somma li hi oggett tal-kawza, l-effett ser ikun li rcieva inqas mis-somma li kien hemm qbil dwarha. Dan ser iwassal biex jigi ffrustrat l-istess ftehim.

10.8 Fil-fehma tal-qorti kieku s-socjeta appellanti kienet taf li l-kjamat fil-kawza kien ibbenifika mill-iskema ta' *scrappage* sabiex xtara l-vettura, din ic-cirkostanza ma kienet ser tibdel xejn. Id-dannu li sofra l-attur kien €14,000 u dik hi s-somma li thallas, kif wara kollox kellu kull dritt. Wiehed irid jiftakar li qabel sehh l-incident il-vettura kienet ilha biss tlett ijiem fuq it-triq. Hu veru li John Cassar xehed, *"... kieku nfurmana ahna konna naraw x'somma kien iffranka meta xtara l-vettura u ahna konna naghtuh is-somma li offrejna minghajr l-ammont li jkun ha tal-iscrappage"* (fol. 54). Dan mhuwiex minnu ghaliex kif qal tajjeb it-Tribunal, is-somma li Spiteri ffranka bl-iskema kienet parti mill-prezz ta' €16,041.

10.9 Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-qorti ttendi taqbel mar-ragunament tat-Tribunal li fir-realta' twassal ghal soluzzjoni ekwa tal-vertenza.

10.10 Is-socjeta appellanti tipponta subghajha lejn l-imsejjah fil-kawza ghaliex ma qalilhiex dwar il-beneficcju li kien ircieva mill-iskema. Madankollu, il-qorti hi tal-fehma li facilment kienet issir taf kieku ghamlet ricerka qabel ikkonkludiet il-ftehim. Il-qorti terga' tfakkar li Spiteri kien ghadu kif xtara l-vettura. Kull ma kellha taghmel is-socjeta appellanti hu li titlob id-dokumenti relatati mall-akkwist, fosthom il-kuntratt ta' akkwist. Pero' jidher li kull m'ghamlet hu li strahet fuq is-survey report tas-surveyor li nkarigat biex jispezzjona u jaghti valur lill-vettura.

10.11 Inoltre, fil-konfront tal-attur hi s-socjeta appellanti li ghandha taghmel tajjeb, gialadarba l-attur xtara minghandha.

11. **Tieni aggravju.**

11.1 Dan l-aggravju jikkoncerna l-imghax. Fis-sentenza t-Tribunal ikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-imghax mit-28 ta' Ottubru, 2011, id-data meta jidher li thallset lura s-somma ta' €1,218.17 lil Transport Malta (fol. 31). L-ircevuta nharget f'isem Anthony Baldacchino, li mhuwiex parti f'dawn il-proceduri. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni dwar x'konnessjoni ghandha dik il-persuna mal-kaz in ezami.

11.2 It-Tribunal ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn l-imghax ghandu jithallas mit-28 ta' Ottubru, 2011.

11.3 Il-qorti hi tal-fehma li l-imghax ghandu jithallas mhux qabel id-data li fiha s-socjeta appellanti giet interpellata. Mill-atti jidher li d-data hi dik tan-notifika tal-avviz tat-talba, 9 ta' Jannar 2013 (ara artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili).

**Ghal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza tal-24 ta' Novembru, 2015 fis-sens li l-imghax ghandu jiddekorri mis-27 ta' Novembru, 2012. Tichad il-kumplament tal-appell u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Spejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif inhuma. L-attur jaghmel tajjeb ghal 10% tal-ispejjez tal-appell filwaqt li s-socjeta appellanti thallas 90% flimkien mas-ispejjez tal-imsejjah fil-kawza.**

Anthony Ellul.